A.L. 1 ta' l-1989

ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(ATT NRU. XI TA' L-1952)

Ordni ta' l-1989 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel dan l-Ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Kunsill tal-Pagi għal-Lukandi u Każini pubblikat fil-Gazzetta fit-23 ta' Settembru, 1955, u hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-Ordni jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru li jkollu taħtu d-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni jistabbilixxi b'avviż pubblikat fil-Gazzetta.

Jemenda l-paragrafu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fil-paragrafu 2 ta' l-ordni prinċipali minflok il-kliem "għall-impjegati li jaħdmu f'lukandi u każini" għandhom jidħlu l-kliem "għall-impjegati kollha li jaħdmu f'lukandi, każini, ħwienet tal-kafè, *bars* u restoranti".